# L-IMKEJJEN IMQADDSA

Il-Palestina, jew kif nafuha aktarx il-lum, l-Art Imqaddsa, kienet minn dejjem art ta' twegħir u ġlied. Donnu li ġewwa fiha hemm xi nar jaqbad moħbi taħt ir-rmied li minn żmien għal żmien, meta jsib x'jaħraq, itajjar xrara u dix-xrara tqabbad ħuġġieġa. Bħalma n-naħa tal-Baħar il-Mejjet, fil-Palestina, minn ġewwa x-xquq tal-blat jidher hiereġ id-duħħan, u kull meta jidhrilha tagħmel teħżiża kbira u twaqqa' ħafna bini u toqtol ħafna nies, hekk ukoll l-istorja tal-Art Imqaddsa hija storja ta' theddid ta' ġlied, u drabi, tagħqad taqtiegħa, li ġġib magħha qerda ta' nies kbira.

Imma fost dan l-għelt kollu, fost il-mibgħeda u t-tgħajjir, fost il-ġlied u t-tixrid ta' dmija, bħala għelm ta' sejħa għas-sliema, tidher tperper fuq il-bjut tal-knejjes il-bandiera bajda b'ħames slaleb ħomor, tar-Rħieb Franġiskani tal-Art Imqaddsa. Dawk li m'ħux biss għal snin, imma għal mijiet ta' snin tgħaw ruħhom, saħħithom u għerfhom, u kull ma fiha ħajjithom, biex jiġbdu lejn il-Merħla ta' Kristu u jdaħħlu fiha, lil-Lhud u 'l-Misilmin, li jgħixu f'dik in-naqra ta' art, l-art tat-Twemmin u tal-Imħabba, li hija l-Palestina.

Għalhekk b'din il-kitba, irridu nqegħdu quddiem l-Insara ta' Malta l-problemi kbar u l-ħidma tal-akbar fejda li dejjem għandha fi ħsiebha l-Kustodja Franġiskana tal-Art Imqaddsa, biex il-Maltin ukoll, bħall-Insara ta' pajjiżi oħra, ikunu jafu l-ġrajja u l-għan tal-ħedma ta' din il-glorjuża Kustodja, u bħal jieħdu sehem fil-ħajja u l-problemi tagħha.

### L-ART TA' KRISTU

Il-Palestina hija l-Art tat-twemmin ta' Alla l-Wieħed. U taħt din id-dehra jħarsu lejha l-Lhud, il-Misilmin u l-Insara. Għal hekk il-Palestina hija l-Art Qaddisa, u l-belt il-kbira tagħha min-nies tal-pajjiż tissemma *il-Qodos*, jiġifieri, "Il-Qdusija".

Fl-imgħoddi l-Mulej tkellem mal-bnedmin fuq din l-art. Patrijarki u Porfeti, ġabru n-Nifs tar-Rieda t'Alla. Nibtu wara xulxin, u taħt il-ħteġijiet taż-żmien, bi kliemhom, f'dik l-art imbierka u bit-tnebbih tagħhom għarrfu u xennqu l-qlub għal dik it-tama ta' ħelsien mill-jasar tax-xitan, li l-bniedem, imwaqqa fid-dnub, kien jistenna. Wisq kienu n-nies qaddisin li bi kliemhom u turithom f'dik l-art Imqaddsa hejjew it-triq għall-Messija li kellu jiġi.

U fl-aħħar il-Kelma t'Alla saret Bniedem. *Verbum Caro factum est.* U fuq dik l-art ġiet tgħammar fostna: *Et habitavit in nobis.*

### IRQAQAT TA' FEJDA

Betlehem rat lil Ġesù jitwieled. Nazaret ratu jitrabba. Il-Galilija kollha ratu jiġġerra minn raħal għall-ieħor u minn belt għall-oħra, jgħallem lill-ġemgħat, fil-knejjes, fit-toroq, fuq xatt il-baħar u fix-xaqliba tal-għoljiet. Ifejjaq il-morda, isabbar il-fqara, jitma lill-ġugħanin, jeħodha mal-Farisin u mal-kittiebin, u jgħallem it-triq t'Alla lil kull ħadd. Ġerusalem ratu dieħel fiha riekeb fuq ħmara, fost il-ferħ tal-poplu imma le ma għarfitu. Jissielet fit-Tempju mal-aqwa egħdewwa tiegħu, li ma setgħux jagħlbuh la bis-sewwa anqas bil-qerq u bit-tnassis. Ġesù jitlaq it-Tempju u jitħejja għall-mewt. Iħalli lil-bnedmin l-Akbar Tifkira tiegħu, ġewwa l-għorfa ta' Sijon. Imur il-Ġetsemani biex il-Lhud jaqbduh.

Jeħduh marbut fid-dar ta' Qajfas, minn hemm għal għand Pilatu, li jibgħatu għat-tislib. Ġesù jmut fuq il-blata tal-Golgota, fost il-għajb tiegħu u l-ferħ tal-egħdewwa. Wieħed ħabib jieħdu u jidfnu fil-qabar u minn hemm jarġa' jqum, bil-qawwa tiegħu n-nifsu, u minn fuq Ġebel iż-Żejtun jitla' quddiem l-Ixirka tiegħu, fis-smawwiet.

"Irġiel tal-Galilija", qalu l-Anġli lill-ixirka, "tħarsux aktar lejn is-sema. Erfgħu għal darb'oħra dal-ħars tagħkom. Għax bħal ma rajtuh tiela' hekk, jiġi jum, li tarawh nieżel, jagħmel ħaqq għall-ħajjin u għall-mejtin."

U l-Appostli tferrxu mad-dinja, u bis-saħħa ta' Ruħ il-Qodos, xandru l-aħbar tal-Iben t'Alla u l-Magħmudija tat-Tewba f'Ismu, għall-maħfra tad-dnubiet; u l-qawma mill-imwiet u l-ħajja hienja ta' dejjem.

## IMĦABBA U MIBGĦEDA

It-tagħlim ta' l-Appostli laqat il-qalb ta' wisq Lhud u Pagani li emmnu bl-Isem ta' Ġesù u hekk għaqdet l-ewwel xirka tal-Insara. F'Ġesù, Alla u Bniedem, imsallab, mejjet u mqajjem mill-mewt. sabu s-serħ tal-qalb li għal xejn kienu 'ilhom ifittxu fil-għaxqiet tad-dinja, u hekk kisbu l-mili tal-ħajja u l-qdusija. Kelma waħda tiġbor fiha t-tagħlim kollu tal-Appostli, it-Teoloġija ta' San Pawl u t-tagħlim u t-twemmin kollu tal-knisja: *Ġesù, u dan imsallab.* U dan l-Isem il-lum ukoll iqajjem it-tama, jgħaqqad rabtiet qalbiena, ifarraġ id-dwejjaq tal-qlub imnikkta, għax fih biss jinsab is-sabar fil-hemm ta' did-dinja u t-tama tal-ħajja ta' dejjem fl-oħra.

Għal hekk kif jista' jkun li n-nies tal-Palestina, dawk li ħabbewh u ġrew warajh b'ġibda ta' għaxqa, u dawk li bagħduh u ġrew ukoll warajh b'xewqa ta' vendetta, ma baqgħux jiftakru fih u fl-imkejjen ta' egħmilu ma' tul il-mogħdija tiegħu minn fuq din l-art? Liema qima fit-tajbin u liema skerrih fil-ħżiena ma kienux inisslu l-Għar ta' Betlehem fejn twieled, il-ħanut ta' Nazaret fejn trabba, Kafar-Nahum fejn xandar saltnatu, u fuq kollox il-Golgota u l-Qabar, f'Ġerusalem, fejn miet u qam fil-Glorja?

## SENSIELA TA' XHIEDA

Sa mill-ewwel żmenijiet tal-Knisja l-Insara kienu jmorru jagħtu qima lil Bniedem-Alla f'dawk l-imkejjen li fihom għamel xi ħaġa ma' tul ħajtu biex itemm il-Fidwa. Origenes, Ewsebju u San Ġlormu jixhdu fil-kitba tagħhom il-kotra ta' żawwara li kienu jmorru jżuru l-Imkejjen Imqaddsa fi żmienhom. Wara dawn il-qima tal-Imkejjen Imqaddsa aktar kibret bis-saħħa tal-Imperatur Kostantinu u ommu Santa Liena. Fuq dawn l-Imkejjen Imqaddsa mill-ħbieb ta' Ġesù nbnew knejjes u mill-egħdewwa kienu mġarrfa. U mill-ġdid, mill-ħbieb mibnija, meta fil-Medju Evu Ġerusalem ittieħdet mill-Insara. L-Insara nagħalbu mill-Misilmin u tkeċċew, imma minn flokhom daħlu l-Franġiskani. Għebet il-korazza tal-azzar tal-gwerrier Salibi, u dehret mnin bdielha ċ-ċoqqa samranija u l-ħabel bil-għoqod tal-Franġiskan kiebi. Dak li ma sarx bil-qilla tal-ġlied, sar bil-ħlewwa tas-sliema; dak li ma seħħx bil-herra taxxabla, seħħ bil-benna tal-lsien. Ħafi u xuxa, il-Fqir Raħeb Franġiskan jagħmel li jrid, għax f'imġiebtu bla ħjiena għandu bħal seħer. Jaqla' tgħajjir u swat; jinqatel, u jidħol ieħor minn bidlu, imma bis-saħħa tiegħu l-għassa fuq l-Imkejjen Imqaddsa qatt ma taqta' Il-Franġiskani jieħdu ħsieb l-Insara fis-sliem, iduru bihom fil-mard, jgħinuhom fil-faqar, u bil-

kelma tagħhom imħeġġa jżommuhom magħquda ma' Ġesù. Bis-saħħa tal-Franġiskani l-Insara Ewropej li jmorru jżuru l-Art Imqaddsa jsibu ruħhom qishom f'darhom. Huma jilqgħuhom; huma jmexxuhom; huma jaħsbulhom għal kull ma jeħtieġu.

## L-OPRA TA-"TERRA SANTA"

L-Opra tat-Terra Santa, tal-Franġiskani tal-Art Imqaddsa tinsab imxerrda mad-dinja kollha. F'kull belt kbira jinsab il-Kummissarjat tat-*Terra Santa,* jew Art Imqaddsa. F'Malta wkoll, minn mijiet ta' snin għandna wkoll il-Kummissarjat tal-Art Imqaddsa fil-Kunvent ta' Ġieżu tal-Belt.

L-Opra tat-Terra Santa hija mbierka mill-Papiet u magħrufa minn dawk l-Insara kollha li jmorru jżuru l-Imkejjen Imqaddsa. Iż-żawwarin qabel ma jitilqu lejn Ġerusalem, jgħaddu l-Kummissarjat jieħdu karta minn għand il-Patri Kummissarju biex meta jaslu jsibu minn jilqagħhom u jieħu ħsiebhom, fi djar għal daqshekk, donnhom lukandi, li l-Patrijiet għandhom f'kull belt tal-Palestina; djar li jisimhom *Casa Nova,* jew Dar Ġdida, għax iż-żawwar fiha jsib ruħu donnu f'daru, jew aħjar minn daru, u jiekol u jixrob, b'dan kollu jekk irid jista' ma jħallas anqas ħabba flus.

Il-Franġiskani, biex iżommu kif jixraq l-Imkejjen Imqaddsa qegħdin ibatu tbatija kbira. Jinsabu dejjem fit-tiġrib, għax dawk l-artijiet huma taħt ħakma li ma hix Nisranija: ħakma ta' Lhud u Misilmin. Ngħinuhom mela, mill-aħjar li nistgħu. Inħaffulhom kemm nistgħu t-tagħbija tqila li għandhom fuq daharhom. Ġesù ġie fid-dinja u ħamel xogħol u moħqrija u mewt mill-aqqal għall-ħniena kbira bla tarf tiegħu lejna. Nagħmlu kemm nistgħu biex aħna nuruh li nafuhulu dak li għamel magħna, billi ngħinu lill-Franġiskani li jżommu fil-qima li tixraq l-imkejjen li jfakkru l-ħajja għażiża u l-mewt ħarxa tiegħu. U Ġesù, għad li ta' dan ħallasna minn qabel bit-tixrid ta' demmu, jarġa' jħallasna mill-ġdid f'din id-dinja u fl-oħra.

DUN ĠUŻEPP CAUCHI,
(Kappillan ta' San Bastjan)

*Nižżu ħajr bil-qalb lil Dun Ġużepp Cauchi, il-Kappillan il-ġdid tal-Parroċċa ta' San Bastjan ta' Ħal Qormi għal din il-kitba sabiħa u fejjieda li baghtilna. Dun Ġużepp għamel l-istudji tiegħu fil-Kulleġġi tal-Franġiskani tal-Palestina u dam żmien twil fis-Santwarji u ħa sehem fil-problemi ta' l-Art Imqaddsa b'kitba u b'taħdidiet. Billi hemmekk tgħallem l-Għarbi sata' jindaħal fost in-nies ta' dik l-art u għaraf tajjeb id-drawwiet tagħhom, u għandu għal qalbu l-egħmil qalbieni tal-Franġiskani li magħhom għammar għal bosta snin. Il-kitba tiegħu mela, m'hux biss fiha tagħrif għall-moħħ, imma wkoll tiġrib għall-ħajja.* — Id-Direzzjoni.

**IL-FESTI T-TAJBA!**

**Dan il-Qari jagħti l-Festi t-Tajba lill-qarrejja, lil nieshom u lil ħbiebhom. Il-Bambin ta' Betlehem jagħtihom Sena Tajba u jxerred il-Barka Tiegħu fuqhom.**